MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 318/2013

Il-Pulizija

[Supretendent Carmelo Bartolo]

Vs

Lawrence Grech

Charles Falzon

Illum, 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, Lawrence Grech, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 346672M u Charles Falzon, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 74084M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Lawrence Grech wahdu talli:

Nhar is-6 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart, fin-Naxxar, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta'

reat, b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu, u cioe' l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LMC321;

U aktar talli Charles Falzon wahdu akkuzat talli:

Nhar is-6 ta' Frar, 2004, ghall-habta tal-11.00 ta' bil-lejl, f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hsssar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LMC321, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt Lira Maltija, u li saret ghad-detriment ta' Lawrence Grech minn Santa Venera;

U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad- delitt ta' holqien ta' reat kif stipulat fl-Artikolu 110(2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-atti li bihom dawn id- delitti ikunu gew ippreparati jew ikkunsmati, kif ukoll xewwex lil haddiehor, inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt;

U aktar talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn is-6 ta' Frar, 2004 u s-snin ta' qabel din id-data, waqt li kien f'Santa Venera, ikkommetta serq ta' oggett, u cioe' stereo tal-karozzi kkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-18 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti illiberat lil akkuzati mill-akkuzi kollha dedotti kontrihom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz issib lill-apellati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, *inter alia* għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputati appellati mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom, nonche saħħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssib ħtija u dan ghaliex l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati appellati huma pruvati kemm grazzi għall-ammissjoni magħmula mill-imputati appellati stess fl-istqarrijiet taghhom rilaxxjati lill-Pulizija fis-7 u fit-8 ta' Frar 2004 (inseriti a fol 34, 37 u 40 rispettivament), kif ukoll grazzi ghall-provi l-ohra kollha migjuba.

a. <u>L-ammissjoni maghmula mill-imputati appellati fl-istqarrija</u>

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet il-konfessjoni tal-imputati appellati reġistrata fl-imsemmija stqarrija in bażi għall-fatt li *"mancando anke l-fedina penali fid-dawl tas-sentenza kostituzzjonali ta' Charles Stevens Muscat tat-8.10.2012, dawn m'ghandhomx ebda valur probatorju."*

Illi l-esponent jirrileva li l-fatt wahdu li ma gewx ezebiti l-fedini penali tal-imputati appellati, fid-dawl tas-sentenza kostituzzjonali hawn fuq citata, ma jimplikax awtomatikament illi l-istqarrijiet tal-imputati appellati ghandhom jigu skartati. Illi l-fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha partikolari ta' kull każ.

Illi meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni t-totalita' tal-proceduri kollha meħuda fil-konfront tal-imputati appellati, jirriżulta illi fil-każ odjern -

i. Id-dritt tal-konsulenza legali qabel l-interrogatorju kien ghadu mhux in vigore, u ghaldaqstant dan id-dritt ta' konsulenza legali la inghata mill-Pulizija u lanqas ma gie mitlub mill-imputati appellati. Illi madanakollu fil-kors ta' din l-investigazzjoni il-Pulizija, qabel ma l-imputati appellati irrilaxxaw dawn l-istqarrijiet kienu inghataw twissija li huma setghu ma jwegbux ghad-domandi li kienu ser isirulhom, izda dak kollu li huma kienu ser ighidu kien ser jitnizzel bil-miktub u setgha jingieb bhala prova fil-Qorti kontra taghhom. Illi ghaldaqstant l-imputati appellati kellhom id-dritt illi jibqghu siekta għall-mistoqsijiet illi kienu ser isirulhom waqt l-interrogazzjoni mingħajr ma ssir ebda inferenza minn dik l-għażla. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali*** spjegat illi d-dritt għall-assistenza legali hu meħtieġ b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn il-liġi ta' xi pajjiż toħloq inferenzi sfavorevoli fil-konfront ta' imputat meta dan jagħżel illi jibqa' sieket waqt l-interrogatorju tiegħu u kif dan ma kienx il-każ pero' taħt il-liġi Maltija. Il-Qorti qalet illi:

> *"Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx... din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni."*

ii. l-imputati appellati fl-ebda mument ma allegaw xi trattament ħażin *da parti* tal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni; iktar minn hekk, l-imputati appellati aċċettaw il-volontarjeta' tal-istqarrijiet mogħtija minnhom. Illi fil-fatt l-istqarrijiet mogħtija mill-imputati appellati lill-Pulizija kienu magħmula volontarjament, minghajr theddid, jew weghdi jew promessi ta' xi vantaggi jew favuri u wara li gew moqrija lilhom ikkonfermaw li ma ridux izidu jew inaqqsu xejn minnhom u ghazlu li jiffirmawhom. Illi fil-fatt l-imputati kienu ghazlu li jiffirmaw l-istqarrijiet rispettivi taghhom. Illi ghaldaqstant ma jistghax jinghad li dawn l-istqarrijiet huma vizjati u/jew imorru kontra d-drittijiet tal-bniedem.

iii. l-imputati appellati kienu assistiti minn avukat matul il-proċeduri kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

iv. Illi finalment jingħad ukoll illi l-imputati appellati ma kinux minorenni fi żmien meta tteħditilhom l-istqarrija.

Illi ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent l-istqarrijiet volontarjament rilaxxjati mill-imputati appellati huma prova produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal dan il-każ u l-kontenut tagħhom kellu jiġi aċċettat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala prova skont il-Liġi.

Illi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz odjern, ghalkemm zammet l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati appellati fil-process, skartathom bhala prova u ddecidiet il-kaz minghajr ma ghamlet analizi tal-istess stqarrijiet u l-kontenut taghhom u dan minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati fejn stqarrew il-kommissjoni tar-reat imputati lilhom. Illi bid-dovut rispett, konxju tas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Qrati Maltin dwar din il-materja, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz.

Illi jibqa l-fatt li l-imputati appellati għamlu konfessjoni inkondizzjonata u li din il-konfessjoni kienet magħmula minnhom liberament u ma kinetx estorta jew ottjenuta konsegwenza ta' xi swat jew sforzi jew wegħdi minn naħa tal-Pulizija. Kienu ben konsapevoli minn dak li kienu qed jagħmlu u ma kinux xi tfal żgħar, vulnerabbli u bla difiża.

Il-Liġi Maltija, fil-Kodiċi Kriminali, tipprovdi regola sempliċi u sagrosanta dwar il-konfessjoni li tgħid–

> *658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

Illi dan l-artikolu ma jagħmilx distinzjoni fir-rigward tal-**<u>kuntest</u>** fejn tali konfessjoni tiġi magħmula u minn min tiġi magħmula. Ma jagħmilx distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn konfessjoni tkun magħmula minn persuna lill-Pulizija fi stadju t'investigazzjoni jew jekk tkun magħmula ma terzi persuni f'kuntest mhux investigattiv.

L-enfasi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma min u fejn magħmula, dment li hija magħmula b'mod ħieles, u dment li tkun magħmula skont dan l-artikolu, kif fil-fatt sar, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. Dment li din il-konfessjoni ossija stqarrija tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament u ma tkunx ġiet imġegħla jew meħuda b'theddid jew b'biza jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi tista tinġieb bi prova.

Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent l-effett ta' dan l-artikolu apena citat, maqghud mal-fatt li l-imputati appellati kienu gew espressament imwissija bil-konsegwenzi fil-kaz li huma jitkellmu mal-pulizija, u li minkejja tali twissija huma liberalment ghazlu li jkomplu jkellmu lill-Pulzija, iwassal sabiex tali prova ghandha tigi ritenuta bhala prova legalment valida, producibbli, ammissibli u rilevanti.

Illi ghalhekk meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-istqarrija ma setax ikollha valur probatorju, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li bl-ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrijiet miġjuba quddiemha. Dan wassal sabiex b'din l-interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għamlitx apprezzament xieraq tal-provi kollha prodotti u b'konsegwenza t'hekk, illiberat lill-imputati mill-imputazzjoni migjuba kontriha.

b. <u>Il-provi l-ohra kollha migjuba</u>

Illi l-esponent huwa wkoll tal-umli fehma li l-provi mressqa joholqu ness inekwivoku bejn il-fatti tal-kaz u l-imputati appellati u dan ghas-segwenti ragunijiet:

i. Mix-**xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo** (a fol 24 et seq) li kien mar fuq il-post immedjatament, irrizulta li Charles Falzon kien wiehed mill-persuni li fis-6 ta' Frar 2004 kien instab fl-inhawi ta' fejn kienet qeghda taqbad il-vettura in kwistjoni tal-ghamla Peugeot, u li dan deher ecitat hafna meta gie imwaqqaf mill-pulizija. Meta saret it-tfittxija fuq il-persuna ta' Falzon instabet ukoll spare key ta' karozza tal-ghamla Peugeot li giet elevata mill-pulizija. Illi jirrizulta wkoll mix-xhieda tas-Supretendent illi ftit il-boghod minn din il-

vettura li kienet qeghda taqbad kien hemm vettura ohra maqluba li lill-pulizija rrizultalha li kienet tal-istess Charles Falzon. Illi f'din il-vettura li kienet maqluba irrizulta li kien hemm sett number plates li kienu jappartjenu lill-vettura tal-ghamla Peugeot, kif ukoll sett roti bir-rimmijiet u jerrycans li kellhom fihom xi thinner. Mill-investigazzjonijiet irrizulta ukoll li Lawrence Grech kien mar jaghmel rapport l-ghassa li persuni mhux maghrufa kienu serqulu l-van tieghu.

ii. Illi **PS 860 Keith Caruana** (a fol 45) xehed li fis-6 ta' Frar 2004, il-pulizija tal-ghassa tar-Rabat kienet irceva telefonata anomina li fejn l-Olive Gardens kienet inqalbet xi vettura u huwa kien acceda fuq il-post immedjatament, fejn iltaqa' ma zewg pulizija tal-mobile PC 1469 u PC 1445 li kienu qed izommu zewg persuni u dan stante li l-pulizija kellhom suspett fihom. Illi jghid li fuq il-post kien acceda ukoll immedjatament is-Supretendent Bartolo. Is-Surgent jikkonferma li kien hemm vettura tal-ghamla Peugeot li kienet qed tinharaq u li din ma kelliex number plate u lanqas roti. Huwa jikkonferma ukoll li kien hemm vettura ohra maqluba fuq il-post. Illi mill-investigazzjonijiet li saru irrizulta li n-number plates tal-vettura li kienet qeghda tinharaq (LMC 321) kienu dawk li kienu misjuba gol-vettura li kienet inqalbet.

iii. Illi **l-Maggur 38 Paul Zahra** (a fol 128 et seq), ikkonferma li fis-6 ta' Frar 2004 kien mar certu Lawrence Grech sabiex jaghmel rapport li kienet insterqet il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni LMC 321.

iv. Illi mix-xhieda ta' **Paul Sciberras,** rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance (a fol 152 et seq), jirrizulta li l-vettura tal-ghamla Peugeot 206, Station Wagon, bin-numru ta' registrazzjoni LMC 321 kienet inxurjata f'isem Lawrence Grech bhala comprehensive ghall-perjodu 13 ta' Ottubru 2003 sat-3 ta' Dicembru 2004;

v. Illi xehdu ukoll **PC 1469 Tony Falzon** (a fol 160 et seq) u **PC 1445 Kevin Cauchi** (a fol 163 et seq) illi xehdu illi fis-6 ta' Frar 2004, kien dahlilhom rapport mill-control room li kien hemm vettura li kienet qeghda taqbad taht l-Imdina, faccata tal-Olive Gardens. Meta accedew fuq il-post huma raw zewg persuni nezlin b'pass mghaggel li gew mizmuma stante li kien hemm suspett fihom u raw ukoll vettura li kienet qeghda taqbad u karozza ohra maqluba go ghalqa. Illi huma kienu ghamlu search fuw dawn iz-zewg persuni u kienu sabu xi cwievet ta' xi karozzi. PC 1445 xehed ukoll illi wiehed minn dawn iz-zewg persuni kien Charles Falzon. Huwa xehed ukoll li fil-vettura li kienet maqluba jaf zgur li kienu sabu xi landi li kien hemm ir-riha tal-fuel fihom.

vi. Illi l-esponent jissottometti li permezz ta' dawn il-provi, flimkien mal-ammissjoni tal-imputati appellati fl-istqarrija taghhom, il-prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fis-sitta (6) ta' Frar tal-elfejn u erbgha (2004) il-pulizija irceviet rapport illi fl-inhawi tal-Imtarfa kien hemm vettura qieghda taqbad. Meta l-pulizija marru fuq il-post irnexxielha taqbad xi persuni li kienu qed jippruvaw jaharbu minn fuq il-post. Wiehed minn dawn il-persuni kien l-appellat Charles Falzon. Saret tfittxija fuq dawn il-persuni u fuq il-persuna ta' Charles Falzon fejn instab spare key ta' karozza Peugeot. Illi fil-vicinanza fejn kienet qed taqbad din il-vettura kien hemm karozza ohra maqluba. Meta gie mitkellem mill-pulizija Falzon spjega l-involviment tieghu u stqarr li c-cavett li kienet instabet ghandu kienet tal-vettura illi kienet qed tinharaq. Illi huwa stqarr ukoll illi kien sid il-vettura stess illi kien talbu sabiex jiehu din il-vettura u jiddistruggiha biex huwa jkun jista' jikseb hlas minghand il-kumpanija tal-assikurazzjoni tieghu. Sid il-vettura irrizulta illi kien l-appellat Lawrence Grech li kien ghadu kif ghamel rapport dwar is-serqa tal-vettura tieghu. Illi meta gie mitkellem mill-pulizija Lawrence Grech ukoll ammetta l-involviment tieghu. Fl-istess stqarrija l-appellat Charles Falzon kien iddikjara illi xi erba' snin qabel kien seraq stereo ta'karozza minn go Fiat Panda illi kienet ipparkjata Santa Venera. Illi ghalhekk bdew dawn il-proceduri u l-pulizija ressqet liz-zewg appellati biex iwiegbu ghall-akkuzi kif dedotti fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Permezz ta' sentenza tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellati mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. L-Avukat Generali appella minn din id-decizjoni peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba kif ukoll sahhet il-konkluzjoni taghha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi. Dan referibilment ghad-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn iddikjarat illi l-istqarrijiet tal-appellati ma kellhomx ebda valur probatorju.

Ikkunsidrat:

Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati irriferiet ghall-istqarrija tal-imputati u qalet, "Mancando anche l-fedina penali fil-dawl tas-sentenza kostituzzjonali ta' Charles Stephen Muscat tat-8 ta' Ottubru 2012, dawn m'ghandhomx ebda valur probatorju."

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti kienet tippretendi li l-Qorti tal-Magistrati wara dikjarazzjoni bhal din kienet tispjega l-pozizzjoni taghha u tghid ghaliex dawn l-istqarrijiet m'ghandhomx ebda valur probatorju. Illi tirreferi biss ghal sentenza kostituzzjonali minghajr ma taghti ragunijiet mhuwiex bizzejjed. La l-istqarrija kienet daqshekk krucjali u importanti ghall-Prosekuzzjoni allura l-Qorti messha tat konsiderazzjonijiet aktar profondi il ghaliex prova bhal din ghall-Prosekuzzjoni kellha tiskartaha b'dan il-mod. Naturalment l-Avukat Generali irreagixxa ghal din is-sitwazzjoni u argumenta illi billi ma gietxipprezentata l-fedina penali ma jfissirx illi l-istqarrija kellha tigi skartata anke il ghaliex is-sentenza kostituzzjonali msemmija Charles Stephen Muscat ma ssemmi xejn dwar dan.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u ikkwotat is-sentenza ta' Charles Stephen Muscat diversi drabi. Fost affarijiet ohra din il-Qorti qalet "Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li jingieb kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm; li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dan in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinsab hati meta ma kellux jinsab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur." (para. 15). Qalet ukoll illi jkun perikoluz illi min ikun se jikkonsidra l-provi joqghod biss fuq l-istqarrija minghajr ma jikkunsidra ukoll il-provi l-ohra li jkunu ngabu fil-kaz. (para. 33). Din is-sentenza kostituzzjonali giet ukoll segwita minn sentenza ohra kostituzzjonali fl-ismijiet John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali, deciza fil-31 ta' Ottubru 2012 fejn il-Qorti qalet, "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Ghawdex) fl-ismijiet Il-Pulizija versus Paul Cutajar tat-18 ta' Gunju 2013 il-Qorti qalet, "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija ricentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal

ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korraborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qed jigi interrogat mill-pulizija."

F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellat Lawrence Grech kellu tletin sena fi zmien l-allegat reat waqt illi Charles Falzon kellu ghoxrin sena u ghalhekk ma kinux minorenni meta irrilaxxaw l-istqarrija. Lanqas ma jistghu jitqiesu bhala persuni vulnerabbli fil-kuntest tas-sentenza fuq imsemmija jew fil-kuntest tal-artikolu 208AC(2) tal-Kap. 9.

Irrizulta illi l-appellati fehmu sew id-drittijiet taghhom illi jibqghu siekta u l-istqarrijiet gew maghmula volontarjament minghajr theddid jew wieghdi jew promessi ta' xi vantaggi jew favuri u wara illi gew moqrija lilhom ikkonfermaw li ma riedux izidu jew inaqqsu xejn minnhom u ghazlu li jiffirmawhom. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-istqarrijiet maghmula mill-appellati huma validu u ghandhom jitqiesu flimkien mal-assjem tal-provi l-ohra illi ngabu mill-pulizija.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-valur probativ tal-istqarrija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tordna illi l-istqarrijiet tal-appellati ghandhom jiffurmaw parti mill-assjem tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u sabiex jinghata l-opportunità lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jergghu jikkunsidraw il-kaz fl-isfond ta' din id-decizjoni terga' tiftah it-trattazzjoni ta' din il-kawza dwar il-meritu kif ukoll il-piena, jekk ikun il-kaz, bl-istqarrijiet tal-appellati jiffurmaw parti integrali mill-provi.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------